**TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI**

**IMHALLEF**

**ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.**

Rikors Nru: 301/97

Delia Epifanio
vs
Armed Forces of Malta u b'digriet tad-29 ta' Marzu 2000 – Kap Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta

Illum 12 ta' Dicembru, 2000.

It-Tribunal,

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi huwa sofra ingustizzja meta bejn l-1981 u l-1989 nqabez darbtejn fl-ghotja tal-promozzjonijiet kif ukoll li telfuh l-Impjieg meta harguh Boarded Out ingustament.

Illi l-fatti fil-qosor kienu kif gej:

Illi sa mill-1979, ir-rikorrent kien Bumbardier mal-Maritime Squadron tal-Forzi Armati ta' Malta. Kien maghzul biex jaghmel parti mis-Security tal-Parlament, u ghalhekk l-opinjoni politika tieghu saret maghrufa. Fl-1981, hargu l-promotions, izda hu gie maqbuz anke meta kien l-uniku suldat dak iz-zmien li kellu trade ta' B1 storeman. Kellu resonsabbilta` ta' l-ispares kollha tal-lanec fil-maritime u kien wiehed mis-seniors tar-Regiment. Qatt ma kien qala' xi charge li seta' jhassarlu li jimxi l-quddiem. Mal-bidla tal-gvern fl-1987 kmandant tal-maritime sar certu fizzjal Cini. Dan nehha hafna nies li kienu ta' twemmin politiku kontra l-Gvern ta' dak iz-zmien. F'Jannar, 1989 regghu hargu l-promotions u rega' ma ha xejn. Wiehed li kien mieghu fl-istore stess certu Sacco nghata promotion meta kien junior tieghu u b'wisq anqas responsabbilta'. Kawza ta' din l-ingustizzja flagranti qabditu breakdown kbir, ghalhekk talab biex ma jibqax jahdem il-Maritime u jsibulu post iehor u meta ma trasferewhx u baqa' jbaghti hareg bis-sick leave. Dik il-habta kien ghadu kif spicca Cadre course ma' zaghzagh ta' 20 sena meta hu kellu 40 u gie it-tieni. Wara xi 4/5 xhur dahal ghax-xoghol imma wara li t-talba tieghu regghet ma ntlaqatx rega' hareg bis-sick leave.

F'Mejju 1989 baghtu ghalih it-tobba u wara li lanqas biss ghamlulu ezami mediku qalulu li seta' jerga' johrog bis-sick leave. Ma tantax dam wisq ghax ghal nofs Awissu ta' l-1989 mar bhas soltu jaghmel sick u nurse tal-klinika tax-xoghol kien iffirma biex lilu jghadduh boarded out. Ir-raguni li hu gie mghoddi board kienet li xi 11-il sena qabel kien ha X-Ray ta' dahru u allura hu ma setax jaqdi l-funzjoni ta' suldat.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku anness li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dak il-fatti li r-rikorrent bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ta' l-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u li jinghata rimedju billi jigi ordnat illi kien haqqu jigi promoss fiz-zewg kazijiet, jithallas kumpens xieraq talli dan ingustament ma sehhx kif ukoll illi tigi aggustata l-pensjoni tieghu sabiex tirrifletti daqstant kif tiddeciedi l-qorti.

Ra l-lista tax-xhieda tar-rikorrent.

Ra r-risposta tal-Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta li eccepixxa:

Illi dwar il-fatti allegati fir-rikors huwa ghandu xi jghid is-segwenti:

Illi r-rikors promotur huwa inammessibbli fit-termini ta' l-Artikolu 5(4) ta' l-Att VIII ta' l-1997 fir-rigward ta' dak kollu li r-rikorrent qed jallega dwar xi att jew ommissjoni li saret qabel id-9 ta' Mejju 1987 minhabba li dak allegat mir-rikorrent gara barra miz-zmien stipulat ghall-applikazzjoni ta' l-Att.

Illi dak li rikorrent qed isostni cioe` li r-responsabbilta ta' l-**ispares** tal-lanec li kien hemm fil-Maritime Squadron kienet kollha fuqu mhix korretta. Ir-responsabbilta` li qed isemmi r-rikorrent kienet

tal-Quartermaster ta' l-Iskwadra Marittima u mhux tar-rikorrent. S'intendi, ir-rikorrent ma kienx il-Quartermaster imma hu kien jahdem bhala **Technical Storeman** fis-Section tal-Quartermaster.

Illi dak li r-rikorrent qed isostni, cioe` li hu qatt ma qala charge, ukoll mhix korretta. Dan jista' jigi kkonfermat mir-rekord tas-servizz tieghu. In effetti hu kien wehel stoppages fil-paga wara li nstab hati ta' traskuragni li rrizulta f'serq ta' pistola.

Huwa minnu li kif jallega r-rikorrent, wiehed **junior** tieghu li kien jahdem fl-istess Section fejn kien jahdem ir-rikorrent kien gie promoss u b'hekk qabez ir-rikorrent. Izda tajjeb li wiehed jghid ukoll li l-individwu msemmi kien ikkwalifikat aktar mir-rikorrent fil-livell ta' l-*Army* **Certificate of Education**.

Illi fir-rigward li r-rikorrent qed isostni li qabdu **breakdown** kbir meta ma kienx gie promoss, wiehed irid ta' bil-fors jghid li allahares kull min ihoss li ghandu jigi promoss u ma jigix promoss jaqbdu **breakdown** kbir ghaliex kieku hafna jispiccaw jimirdu kif marad ir-rikorrent. Dan mhux il-kaz fil-maggoranza l-kbira tal-kazi u ghaldaqstant din tal-**breakdown** kbir ma setghetx tirifletti sew fuq ir-rikorrent li kin qed jippretendi promotion ghal-rank ta' aktar responsabbilta' u sens ta' dover u bilanc mentali.

Illi meta fl-1989 ir-rikorrent beda fuq is-**sick leave,** il-proceduri normali ta' meta wiehed johrog fuq **long sick leave** gew esegwiti kif suppost sew mit-tabib tas-servizz kif ukoll mill-amministrazzjoni .

Ir-rikorrent inghata dak il-perjodu ta' **sick leave** li wiehed jinghata f'kazi simili.

Illi jidher li l-promozzjonijiet li saru b'effett mill-11 ta' Mejju 1988 kienu skond ir-rakkomandazzjoni tal-Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta ta' dak iz-zmien u, stante li l-promozzjonijiet fl-Armata ma jinghatawx abbazi ta' anzjanita` u kwalifiki biss, izda primarjament abbazi ta' efficjenza kif ukoll abbazi ta' ghazla biex timtela vakanza, dejjem skond ir-regolamenti applikabbli, cioe' l-Avviz Legali Nru 91 tal-1970, u ghaldaqstant dak allegat mir-rikorrent, wahdu, ma jammontax ghal prova li saret xi distinzjoni, preferenza jew eskluzjoni indebita a skapitu tieghu fit-termini ta' l-Att VIII ta' l-1997.

Ghaldaqstant, ghar-raguni fuq premessi, fl-ewwel lok, dan it-Tribunal ghandu jiddiklina li jezercita l-gurisdizzjoni tieghu f'dak li huwa inammessibbli skond l-Att VIII ta' l-1997, u subbordinatament ghandu jichad it-talbiet kollha tar-rikorrent.

Ra l-lista tax-xhieda tal-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

Illi xehed ir-rikorrent u ikkonferma l-fatti fir-rikors. Zied li matul it-22 sena servizz li ta qatt ma nghata charges. Fl-1987 kien inbidel il-gvern u fil-maritime squadron mar OC gdid li dan ma kienx jaqbel mal-kulur politiku tar-rikorrent. F'Dicembru ta' l-1988 sar jaf li junior tieghu certu Edward Sacco li hu kien inghata il-promozzjoni ta' surgent meta ir-rikorrent ma inghata xejn. Wara qabdu breakdown u talab ghal transfer biex mill-maritime squadron jigi trasferit ghal xi post iehor. Izda ma nghatajtx dan it-transfer. Kien ikollu certifikat m'ghand psikjatra biex jinghata trasferiment tax-xoghol. Meta kien jipprezenta dan ic-certifikat lit-tabib tax-xoghol, certu Dr Galea, kien ighidlu 'jien ma nista' naghmillek xejn' u kull ma kien jghatini, kull darba, kienu hmistax sick-leave. Sadanittant, ftit taz-zmien wara, baghtu ghalih biex jghaddi bord quddiem tlitt tobba tal-gvern. Dawn ma staqsewh xejn rigward is-sahha tieghu izda staqsewh biss jistax jilbes il-beritta. It-tobba fil-bord kienu Dr Galea, Dr Brincat, u Dr Cefai. L-ewwel tnejn, jigifieri Dr Galea u Dr Brincat, kienu ufficjali ta' l-Armata fil-waqt li Dr Cefai le. Il-Kurunell Gaffiero u l-OC Cini, kienu qalulu li la ma riedx joqghod fil-maritime squadron, mela ser ikollhom jghadduh bord. Ghalhekk spicca mix-xoghol fil-31 ta' Awissu 1989.

Zied li l-ilment tieghu huwa fuq il-promozzjonijiet ta' l-1989 u mhux ta' l-1981. Sostna li wara li hargu r-rizultati tal-promotions ta' l-1989 qabdu breakdown tant hadha bi kbira. Dam ihossu hazin sakemm ghaddewh bord. Semma li ma riedx jghaddi bord. Matul Jannar sa Awissu ta' l-1989 xi gimgha biss attenda ghax-xoghol f'Mejju jew f'Gunju. Kien ipprezenta certifikat mediku li kien jghid li ma jistax

jattendi ghax-xoghol jekk jibqa' f'dak l-ambjent li jridu jibdlulu l-post tieghu tax-xoghol. Meta gie boarded out kien intitolat ghall-pensjoni minhabba snin ta' servizz. Kienet qabditu dipressjoni ohra fl-1981 pero` kienet hafifa.

Dr Robert Galea Principal Medical Officer ta’ l-Armata, kemm dak iz-zmien kif ukoll illum semma li jaf lir-rikorrent. Minn Marzu 1983 ir-rikorrent kien qed ikollu xi problemi f’irkupptejh li minhabba fihom kien ikun maqlugh minn xi xoghol partikolari bhal parati, waqfien fit-tul ecc. Il-procedura hija li l-persuna tirraporta sick imbaghad it-tabib ta’ l-armata jaghmillu l-visits. F’Novembru 1986 kellu wkoll xi problemi f’daru u minhabba fihom kellu jaghmel xi x rays u rrizulta li kien hemm xi problemi ta’ scogliosis fil-lumber spine. Imbaghad minn din il-problema ta’ daru rrizulta wara xi tnemnim f’idejh. Minhabba f’hekk ukoll kien maqlugh ukoll mill-parati. F’Marzu 1987 kellu problema b’irkopptu l-ohra. Din id-darba kienet tal-lemin, minhabba fiha gie “referred ukoll l-orthopedic out patients” u rah l-ispecjalista. Fis-6 ta’ Jannar 1989 irraporta sick minhabba li kien qed ihossu mdejjaq minhabba li ma kienx ha l-promozzjoni. Minhabba dan kien inghatalu sick leave. Dr Mangion li huwa consultant psychiatrist, qal li r-rikorrent kien qed ibati minn reactive depression. Dr Mangion irrakomanda li r-rikorrent ghandu jerga jidhol lura ghax-xoghol. Huwa approva illi jerga jidhol lura ghax-xoghol izda rrakomanda li jintbaghat xoghol alternattiv. Fl-24 ta’ Mejju ta’ dik is-sena kien ghalaqlu c-certifikat biex hu jkun jista’ jerga jidhol lura ghax-xoghol. Pero’ fil-31 ta’ Mejju kien rega rraporta sick il-medical room. Lit-Tabib kien spjegalu li hu mhux kapaci jmur lura ghax-xoghol fil-maritime squadron. Il-Medical bord

iddecida mill-fatt li r-rikorrent kien ilu hames xhur ma jistax jattendi ghax-xoghol tieghu u abbazi wkoll ghall-fatt li meta rega dahal lura ghax-xoghol kien rega waqaf u rega hareg bis-sick leave, abbazi wkoll tal-fatt li minhabba l-problemi fizici li kien bata minnhom qabel ma setax jaghmel certu affarijiet fl-Armata, ghalhekk il-bord iddecieda li r-rikorrent ma setax jaghmel “the full range of duty” ta’ suldat. Il-Bord ikkonkluda li d-dipressjoni kienet relatata direttament max-xoghol tieghu. Kienet relatata mas-sit partikolari li kien qed jahdem fih.

Ikkonferma li min jaghmel il-cadre course jaghmel ammont ta’ PT u ammont ta’ Drill. Il-PT jikkonsisti f’xi giri kif ukoll exercises. Definitivament jinvolvi giri.

Il-Kurunell George Cini kien ha over fil-maritime squadron fl-1988. Lil Epifanio Delia sar jafu hemmhekk fil-maritime squadron. Ma ftakarx rapporti hziena jew clashes mar-rikorrent.

Sostna li hu jhares lejn suldat bhala suldat u mhux bil-kulur politiku tieghu u li ma kienx jinteressah il-kulur politiku ta’ Delia.

Lt. Col. Mario Schembri semma li d-discharge notice tar-rikorrent kellha d-data tat-18 ta’ Awissu 1989. Esebixxa ittra mibghuta mill-officer commanding Briffa tal-Maritime Squadron lill-Ajjutant tat-Task Force, fejn talab transfer tar-rikorrent fuq compassionate reasons. Izda talba tieghu ghal transfer ma gietx milqugha. Dr. Robert Galea kien irrakomanda li Delia, ir-rikorrent, jinghata posting differenti minn dak li ghandu u b’hekk ghandu itejjeb is-sitwazzjoni

ta' sahhtu bid-data 30 ta' Marzu 1989. Esebixxa Dok. MS16 li fih silta mir-records of service tar-rikorrent li fih l-promozzjonijiet li ha r-rikorrent, fejn kien posted meta dahal fis-servizz, xi trades kellu, x'education kellu, x'courses militari ghamel, kemm-il darba nieqes fuq medical grounds u jekk kellux charges jew dixxiplina mehuda kontrih skond il-ligi tal-militar. [Minn dan id-dokument jirrizulta li bejn 1970 u t-tarf tal-1988 ir-rikorrent ha 31 granet sick leave, izda li fl-1989 kwazi dejjem bis-sick.] Esebixxa Dok MS17 l-lista tal-promozzjonijiet minn Bumbardier ghal Surgent illi saru b'effett mill-11 ta' Mejju 1988. [Jirrizulta li mil- 1st Regiment li fih kien ir-rikorrent qabzuh 25 persuna meta r-rikorrent kellu Army Certificate of Education 2 u qabzuh 8 bil-1, 7 bit-2, u 10 bit-3; bhala trades hemm min kellu aktar, bhar-rikorrent, u hemm min anqas.]

L-Ex. Brig. Claude Gaffiero xehed li ghal habta tan-1989 kien Tenent Kurunell tar-regiment li fih kien Epifanio Delia. Semma li l-promozzjonijiet fl-Armata hemm erba' kriterji ghalfejn jinghataw il-promozzjonijiet - Seniority, Efficiency, Qualifications, u kif ukoll selection to fill a vacancy. Dawn l-erba' kriterji huma skond ir-regolamenti ta' l-Armata. Ma ftakarx lir-rikorrent personalment.

Zied jghid: "Mistoqsi niftakarx li Delia kien talab li jigi trasferit minn taht il-Kurunell Cini ghal kwalunkwe sezzjoni ohra, nghid li jista` jkun izda ma niftakarx. Lanqas niftakar dwar il-problemi li kellu Delia, problemi medici, u li kien ghadda bord, ma niftakarx dwar dan…"

Ikkunsidra

Illi l-ilment tar-rikorrent jirreferi:

A. ghal nuqqas ta’ promozzjoni fl-1981;

B. ghal nuqqas ta’ promozzjoni fl-1988;

C. terminazzjoni ta’ l-impieg.

Dwar l-ewwel ilment hemm l-eccezzjoni tal-intimat li r-rikors promotur huwa inammessibbli fit-termini ta' l-Artikolu 5(4) ta' l-Att VIII ta' l-1997 fir-rigward ta' dak kollu li r-rikorrent qed jallega dwar xi att jew ommissjoni li saret qabel id-9 ta' Mejju 1987 minhabba li dak allegat mir-rikorrent gara barra miz-zmien stipulat ghall-applikazzjoni ta' l-Att. Matul il-kors tal-kawza ir-rikorrent qal li fil-fatt qieghed jirreferi ghall-promozzjoni tal-1988 izda qatt ma irrinunzja formalment ghal din it-talba - fejn fl-ahhar paragrafu tar-rikors [fol 2] jitlob “li jinghata rimedju billi jigi ordnat illi kien haqqu jigi promoss fiz-zewg kazijiet”.

L-artikolu 906 tal-Kodici ta’ Organizazzjoni u Procedura Civili jitkellem dwar ir-rinunzja ghall-atti.

Il-lokuzzjoni wzata mill-legislatur fl-Artikolu 5 (4) ta' l-Att VIII ta' l-1997 hi tant cara li ma hemmx ghalfejn ta’ wisq kliem. Infatti dan jghid:

**5.** (4) Dan l-Att ma ghandu jkun japplika ghal ebda att jew omissjoni li jkunu graw qabel id-9 ta’ Mejju, 1987 jew wara l-15 ta’ Mejju, 1995.

Ghalhekk jirrizulta car li ilmenti riferibbli ghal att jew omissjoni li jkunu graw qabel id-9 ta' Mejju, 1987 jaqghu barra mill-kompetenza tat-Tribunal.

Dwar l-ilment tar-rikorrent li ma hax il-promozzjoni fl-1988 hemm hafna x'wiehed jghid. L-Ex. Brig. Claude Gaffiero semma li l-promozzjonijiet fl-Armata hemm erba' kriterji ghalfejn jinghataw - Seniority, Efficiency, Qualifications, u kif ukoll selection to fill a vacancy.

Issa dan it-Tribunal fil-kawza Anthony Scicluna vs Chairman Bank of Valletta deciza fis-27 ta' Ottubru, 1998 qal:
"Issa fil-fehma ta' dan it-Tribunal, s-Seniority ghandha piz kbir hafna fl-ghoti tal-promozzjonijiet u ghandha ma tigix meqjusa biss meta jirrizultaw b'mod car u inekwivoku jew kwalitajiet posittivi ohra f'xi individwi ohra li jiggustifikaw li persuna / persuni ghandha taqbez lil min imissu skond is-seniority, jew kwalitajiet negattivi f'dak li jkun imissu l-promozzjoni [skond is-seniority] li jiggustifikaw li dik il-persuna ma tinghatax il-promozzjoni. Altrimenti naslu fi stadju fejn jirrenja suprem il-favoritizmu favur xi individwi ghal ragunijiet diskriminatorji (u ghalhekk kontra l-Kostituzzjoni)." [Ara wkoll George Debono vs Brigadier AFM 28/10/98].

Dwar vakanzi certament kien hemm ghax kieku ma kinux isiru dawk in-nies kollha. Bhala kwalifiki rrizulta li mil- 1$^{st}$ Regiment li fih kien ir-rikorrent qabzuh 25 persuna meta r-rikorrent kellu Army Certificate of Education 2 u qabzuh 8 bil-1, 7 bit-2, u 10 bit-3; bhala trades hemm min kellu aktar, bhar-rikorrent, u hemm min anqas.

Mela hawnhekk ukoll ma jidhirx li kien gustifikat li r-rikorrent ma jinghatax il-promozzjoni.

L-intimat specjalment waqt it-trattazzjoni finali ghamel emfasi dwar is-sahha tar-rikorrent. Hawn wiehed irid jirreferi ghall-posizzjoni tieghu qabel ma hargu l-promozzjonijiet u mhux wara. Irrizulta minn Dok MS 16 li bejn 1970 u t-tarf tal-1988 ir-rikorrent ha 31 granet sick leave li fil-fehma tat-Tribunal b'ebda mod ma hi xi figura allarmanti hdejn hafna nies ohra. Huwa veru li r-rikorrent kellu diversi problemi fisici li kellhom l-importanza taghhom izda ma jiggustifikawx fil-fehma tat-Tribunal li kellu jinqabez minn 25 persuna li ghaxra minnhom kellhom ACE 3 meta hu kellu 2. Hawn fil-fehma tat-Tribunal hemm ingustizzja b'konsegwenza ta' xi distinzjoni, eskluzzjoni jew preferenza indebita li tkun saret jew inghatat bi hsara ghaliha msemmija fl-Att VIII tal-1997. Ghal dawn il-motivi jichad l-eccezzjoni tal-intimat f'dan ir-rigward.

Hu pero' ferm difficli ghal dan it-Tribunal fil-kaz in ezami li jistma l-kumpens ghax hawn it-Tribunal ma jistax f'dan il-kaz jordna rimedju kompensattiv. Ammont ta' differenza fi flus kienet ta' xi mitt lira izda r-rikorrent sofra mhux il-mitt lira izda d-dizappunt u umiljazzjoni ghax ma hax il-promozzjoni tant li kkawzatlu depressjoni. Xi swietlu d-depressjoni? Swietlu l-impieg u kellu jispicca mill-Armata specjalment in vista tal-fatt li l-awtoritajiet irrifjutaw li ghall-anqas jaghtuh transfer ghall-sezzjoni ohra. Meta jqis ic-cirkostanzi kollha it-Tribunal jirrikmanda li jsir hlas ta' kumpens ta' tlett telef lira [LM3000]

Dwar it-tielet parti tal-ilment din tirriferi ghat-terminazzjoni. Issa l-konsulent legali tar-rikorrent fid-29 ta' Marzu 2000 irrileva li r-rikorrent mhux qed jitlob reinstatement izda li l-ilment hu bazat fuq nuqqas ta' promozzjoni u mhux fuq it-terminazzjoni tal-impieg. Izda ha hemmx rinunzja formali ghal dak li diversi drabi fil-kors tal-kawza sostna dwar li gie ingustament boarded out.

Issa apparti mill-gustifikazzjoni jew le ta' dan l-ilment hawn it-Tribunal ghandu idejh marbutin mill-kompetenza u jaghmel referenza dwar kompetenza ghas-sentenza fl-ismijiet "Joseph Barbara vs Med Serv Limited et deciza fl-10 ta' Mejju, 1999". Ukoll sejjer jikkwota minn sentenza ohra ta' dan it-Tribunal fl-ismijiet "Emmanuel Chircop vs Kap Kmandant tal-Forzi Armati" deciza fl-24 ta' Gunju, 1999 fejn it-Tribunal qal:

"Issa fil-kaz in ezami in-nuqqas ta' kompetenza tohrog ukoll minn dak li jghid l-artikolu 5 (3) (a):

"Dan l-Att ma japplikax ghall-persuni jew ghall-korpi li jinsabu elenkati fit-Taqsima A fl-Ewwel Skeda li tinsab ma' dan l-Att." F'dan l-iskeda insibu imnizzel "Il-Forzi Armati ta' Malta hlief skond dak li hemm provdut fit-Taqsima B ta' din l-Iskeda". Fit-Taqsima B insibu elenkat: "Il-Forzi Armati ta' Malta ghar-rigward biss ta' hatriet, promozzjonijiet, trasferimenti, salarji u drittijiet ta' pensjoni ta' l-ufficjali u suldati f'dik il-Forza Armata".

Ghalhekk huwa ovvju li din t-talba tar-rikorrent tesorbita mill-kompetenza ta’ dan it-Tribunal. Ghal dawn il-motivi jilqa’ l-eccezzjoni ta’ l-intimat fuq din il-parti tal-ilment.

Spejjez bin-nofs bejn il-partijiet.